# Mis-Semantika Maltija: Termini Deskrittivi bil-Malti għall-Kuluri

Charles BRIFFA, Ph.D.
*Dipartiment ta' l-Istudji tat-Traduzzjoni u l-Interpretar fil-Fakultà ta' l-Arti, l-Università ta' Malta*
e-mail: charles.briffa@um.edu.mt

**Abstract:** *Il-qasam tat-terminoloġija tal-kuluri huwa wieħed kumpless, u t-tradutturi ġie li jkollhom xi diffikultajiet f'ħidmiethom minħabba s-sistemi semantiċi differenti li jeżistu fil-lingwi. Dan l-istudju jipproponi sistema ta' terminoloġija bil-Malti għall-kuluri bbażata fuq twaħħid tat-teorija ta' Berlin u Kay mal-metodu tri-dimensjonali għall-ismijiet tal-kuluri mfassla mill-Inter-Society Color Council u n-National Bureau of Standards (ISCC-NBS). Jeżamina wkoll xi aspetti kulturali f'kuntest Malti. U jasal f'ordni sistematika li turi ċerti differenzi li jistgħu jkunu ta' għajnuna għall-ekwivalenza fit-traduzzjoni.*

**Keywords:** *It-terminoloġija tal-kuluri; it-traduzzjoni; ordni sistematika; il-Malti; is-semantika; l-ekwivalenza.*

## Introduzzjoni

Il-kuluri huma marbutin mal-kultura u l-ambjent ta' pajjiż, u huma wkoll marbutin ma' l-iżviluppi li jsiru minn żmien għal ieħor. Dan kollu jfisser li

- il-kultura ta' pajjiż tagħti l-forom tagħha
- l-ambjent jippermetti perċezzjonijiet partikulari
- kull żvilupp fid-dinja jkollu influwenza fuq it-terminoloġija li tista' tiżdied jew tbiddel xi forom.

Kollox irid jaħdem skond il-potenzjalitajiet tal-lingwa li l-kuluri jkunu qegħdin jiffunzjonaw fiha. Inżommu f'moħħna wkoll li terminu ta' kulur jista' jiffunzjona bħala nom (eż. L-abjad ma jixraqlekx.) u bħala aġġettiv (eż. Il-qalziet l-abjad ma jixraqlekx.).

F'dan li ġej, il-kelma 'kulur' tintuża bħala l-kunċett li juri propjetà li biha oġġett jipproduċi sensazzjonijiet differenti fuq l-għajnejn skond kif l-oġġett jirrifletti jew jixħet id-dawl; u 'lewn' tintuża bħala l-attribut li jiddependi fuq il-*wavelength* dominanti li biha jingħaraf jekk hux 'ikħal', 'aħmar', jew xi ħaġa oħra. Jiġifieri, it-terminu 'kulur' (*colour*) huwa ġenerali (superordinat); u t-terminu 'lewn' (*hue*) huwa speċifiku (iponimu).

**Strutturi għall-kuluri**

Fil-Malti nsibu diversi proċessi li jiġġeneraw termini għall-kuluri.

1. Il-Malti jinqeda bit-terminu speċifiku (għall-konvenjenza nużaw it-taqsira TS) li jfisser il-kunċett ta' kulur: eż. L-**isfar** fuq il-karozzi ma jogħġobnix. Poġġejna fuq il-ħaxix **aħdar** u għamilna piknik. Għall-funeral libset velu **iswed**. Is-sema sabiħ meta jkun kollu **ikħal** bla sħaba.
2. Il-Malti jislet kunċett mill-ambjent biex jenfasizza l-kulur billi jorbtu mat-terminu speċifiku bħala paragun (li jista' jieħu għamla ta' similitudni – għall-konvenjenza nsejħulu TP, terminu ta' paragun): eż. Wiċċu kien **isfar lellux**. Rajt żiemel sabiħ, **abjad** (daqs is-) **silġ**. Bil-ġiri sar **aħmar nar**. Il-lapes jikteb **iswed faħma**.
3. Il-Malti juża xi attribut (għall-konvenjenza nsejħulu TA, terminu attributtiv) mat-terminu speċifiku biex juri l-kwalità tal-kulur: eż. Għandu bieb **isfar imdardar**. Libbislu kappell **blu ħafif**. Il-ħajt żebgħu **abjad maħmuġ**. Iħobb l-**aħmar jgħajjat**.
4. Il-Malti jirreferi għal oġġett fl-ambjent (fil-qosor insejħulu TO, terminu li juri oġġett fl-ambjent) biex jesprimi sfumatura ta' kulur mingħajr ma juża t-terminu speċifiku: eż. Il-kaxxa żebagħha (minn) lewn il-**ħamrija**. Il-mant kien sabiħ, (minn) lewn is-**sema**. Il-qoxra tal-ktieb għamilha (minn) lewn id-**demm**. Xtrat drapp (minn) lewn iż-**żebbuġa**.
5. Il-Malti jimporta u jadatta terminu (fil-qosor TI, terminu li juri importazzjoni jew self) minn xi lingwa oħra għal xi kunċett ġdid ta' kulur għax ma jkollux terminu speċifiku għal dak il-kunċett: eż. Il-kulur **fon** ( *fawn*) huwa differenti mill-**kafellatte**, għalkemm joqrob ħafna lejn il-**beġ** (*beige*) u żgur m'għandux x'jaqsam mas-**sepja**.
6. Il-Malti jwaħħad il-kuluri (fil-qosor TW, terminu ta' twaħħid ta' kuluri) flimkien biex joħloq kunċett ta' kulur imħallat: eż. **aħdar safrani; blu jagħti fl-aħdar; kannella fl-isfar; lelà jkanġi fil-griż**.

Dawn is-sitt proċessi nistgħu nirrappreżentawhom f'din it-tabella li turi kemm kunċett ta' kulur jista' jkollu forom (tabella bħal din tista' ssir għal kull kulur):

Tabella 1

| TS | TP | TA | TO | TI | TW |
|---|---|---|---|---|---|
| Isfar | isfar lellux; isfar banana; isfar tal-qamħirrum; isfar tal-mimoża; | isfar imdardar; isfar skur; mejjet; isfar moderat; isfar mitfi; isfar ċar; isfar jgħajjat; | (minn) lewn iż-żagħfran; (minn) lewn ir-ramel dehbi; (minn) lewn il-mustarda; | magnolja; *honeysuckle* ... | isfar fl-oranġjo (tingħad bosta drabi 'isfar fl-*orange*'); isfar fil-kannella; isfar ikanġi |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| isfar ta' bajda; isfar deheb; isfar dehbi; isfar awreola; isfar lumi; isfar lanġas; isfar tal-kwiekeb; isfar xemxi; isfar tafli; isfar tafli; isfar daqs parċmina; isfar daqs il-qarsa tax-xemgħa; isfar għasli; isfar bħall-għasel ... | isfar jixgħel; isfar qawwi, isfar jiddi; isfar ċass; isfar maħmuġ... | (minn) lewn it-topazju; (minn) lewn lewn ix-xemx (minn) lewn il-lumija; (minn) lewn il-butir; (minn) lewn il-weraq niexef ... | | fl-abjad; isfar fl-aħdar; isfar miksur bl-aħdar; isfar bajdani; isfar fil-griż ... |

Dawn il-forom jistgħu jingħaqdu flimkien biex isawru forom ta' kuluri oħra (dan ma jfissirx li kull forma tista' tingħaqad ma' oħra: is-semantika u s-sintassi jikkondizzjonaw it-tagħqid): (*Ifisser 'mhux aċċettabbli')

| | |
|---|---|
| eżempju + deskrizzjoni | TP+TA: semantikament dan it-tagħqid m'huwiex possibbli f'ħafna każijiet, ħlief għal xi ħaġa bħal (isfar xemxi jgħajjat; isfar xemxi qawwi; isfar xemxi jixgħel ...)<br>TA+TP: dan it-tagħqid ukoll kemxejn rari (isfar ċar lanġas; isfar skur daqs id-deheb; isfar ċar daqs il-qarsa tax-xemgħa ...)<br>TP+TO: tagħqid li ma jsirx għax semantikament jista' jkun impossibbli (*isfar lellux minn lewn il-mustarda) jew sintattikament repetittiv (isfar xemxi lewn ix-xemx)<br>TO+TP: l-istess bħat-tagħqida TP+TO (*lewn il-mustarda isfar lellux); insibu l-forma 'lewn ir-ramel dehbi' li hija każ ta' TO biss għax 'dehbi' qed tiddeskrivi t-tip ta' 'ramel' li jista' jkun jagħti fil-griż<br>TP+TI: ġeneralment semantikament impossibbli għax kunċett ibarri lil ieħor (*isfar lellux magnolja) għax jekk ikollu sfumatura ma jistax fl-istess waqt ikollu sfumatura oħra; imma nistgħu nsibu xi każ rari (isfar għasli *honeysuckle*) meta ż-żewġ kunċetti jikkumplimentaw jew jenfasizzaw lil xulxin<br>TI+TP: l-istess bħat-tagħqida TP+TI (*magnolja isfar lellux) u nsibu xi każ rari (*honeysuckle* isfar bħall-għasel)<br>TP+TW: insibu xi każ rari (isfar tafli bajdani)<br>TW+TP: tagħqida possibbli f'xi każijiet (isfar bajdani daqs il-qarsa tax-xemgħa; isfar ħadrani daqs il-lumi)<br>TA+TO: insibu ħafna possibiltajiet (isfar skur lewn id-deheb; isfar qawwi lewn ix-xemx; isfar moderat lewn il-butir; isfar skur lewn il-mustarda ...); dan huwa proċess li jispeċifika l-attribut tal-kulur b'aktar dettall<br>TO+TA: tagħqid possibbli imma b'repetizzjoni (lewn il-lumija isfar ċar; lewn ix-xemx isfar jiddi ...) |

| | |
|---|---|
| | TA+TI: tagħqid possibbli għax jispeċifika (isfar ċar magnolja ...)<br>TI+TA: tagħqid rari għax il-preferenza hija aktar għal TA+TI<br>TA+TW: tagħqid komuni ħafna (isfar jixgħel fl-oranġjo; isfar jgħajjat fl-oranġjo; isfar qawwi fl-oranġjo; isfar skur ħafna fl-oranġjo; isfar ċar fl-oranġjo; isfar mejjet fl-oranġjo ...)<br>TW+TA: tagħqid komuni ħafna (isfar ħadrani maħmuġ; isfar ħadrani ċar ħafna; isfar ħadrani skur; isfar ħadrani moderat; isfar ħadrani qawwi; isfar ħadrani jgħajjat; isfar ħadrani jixgħel; isfar fil-griż skur; isfar fil-griż ċar ...)<br>TO+TI: tagħqid impossibbli għax jinvolvi kunċetti inkampatibbli (*lewn il-lumija magnolja)<br>TI+TO: tagħqid impossibbli għax jinvolvi kunċetti inkompatibbli (*magnolja lewn il-lumija)<br>TO+TW: insibu xi każijiet li jkunu jeħtieġu speċifikazzjonijiet (lewn il-butir isfar bajdani ...)<br>TW+TO: insibu xi każ rari (isfar fil-kannella lewn il-weraq niexef)<br>TI+TW: insibu xi każ li jkun irid jispeċifika (*honeysuckle* isfar fil-kannella)<br>TW+TI: l-istess bħat-tagħqida TI+TW (isfar fil-kannella *honeysuckle*) |

Dan diġà jagħti idea kemm it-terminoloġija tal-kuluri taf fkun ikkomplikata.

**Termini ta' twaħħid**

Meta jkollna TW irridu nagħrfu xi jkun il-kulur bażiku fih. Ngħidu aħna, 'aħdar safrani' u 'isfar ħadrani' ma jfissrux l-istess. Id-differenza tintwera hekk:

- 'aħdar safrani' = il-kulur bażiku huwa l-aħdar u għandu tiżwiqa ta' l-sfar fih; u l-intensità ta' l-aħdar hija aktar qawwija minn dik ta' l-isfar
- 'isfar ħadrani' = il-kulur bażiku huwa l-isfar u għandu tiżwiqa ta' l-aħdar fih; l-intensità ta' l-isfar hija aktar qawwija minn dik ta' l-aħdar

Imbagħad irridu nagħmlu differenza bejn 'aħdar safrani' u 'aħdar fl-isfar' (jew 'aħdar jagħti fl-isfar' jew 'aħdar ikanġi fl-isfar'):

- 'aħdar safrani' = il-kulur bażiku huwa l-aħdar u għandu tiżwiqa ta' l-isfar fih; l-intensità ta' l-aħdar hija aktar qawwija minn dik ta' l-isfar, u allura m'hemmx dubju li huwa aħdar u għandu jiġi kklassifikat taħt l-aħdar
- 'aħdar fl-isfar' = il-kulur bażiku huwa l-aħdar imma l-isfar huwa aktar minn sempliċiment tiżwiqa; donnhom iż-żewġ kuluri għandhom l-istess intensità, tant li kważi jinħoloq dubju ssejjaħlux 'aħdar' jew 'isfar'; id-differenza tkun li l-aħdar jegħleb kemm kemm

Importanti li wieħed jagħraf l-intensità tal-kuluri involuti biex jistabbilixxi l-bażiku.

**Kategoriji bażiċi ta' kuluri**

Fis-semantika l-kuluri jitqiesu bħala parti minn sistema ġenerali ta' kunċetti li hija komuni għar-razza umana kollha.[1] Fl-istudju klassiku tagħhom *Basic Color Terms* (1969), B. Berlin u P. Kay isibu li t-terminoloġija tal-kuluri tvarja minn lingwa għal oħra, u jitkellmu fuq *continuum* ta' kuluri. Hemm sett universali ta' ħdax-il kategorija ta' kuluri, imqassmin f'sitt taqsimiet, li minnhom kull lingwa tagħżel is-*subset* tagħha; u fihom dawn il-kategoriji hemm sekwenza, hemm ordni.

Tabella 2

| **Il-ħdax-il kategorija bażiċi tal-kuluri** |
|---|
| abjad, iswed, aħmar, aħdar, isfar, ikħal, kannella, vjola, roża, oranġjo, griż |

Dawn iż-żewġ studjużi jżidu li, mhux talli hemm ħdax-il kategorija bażiċi, imma hemm ordni li turi r-relazzjoni bejn il-kuluri, u din l-ordni jippreżentawha hekk f'sitt taqsimiet:

Tabella 3:

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| abjad<br>iswed | < aħmar | < aħdar<br>isfar | < ikħal | < kannella | < vjola<br>roża<br>oranġjo<br>griż |

Din ir-rappreżentazzjoni tfisser li t-taqsima ta' fuq il-lemin tas-simbolu < tinkludi wkoll it-taqsima ta' fuq ix-xellug tas-simbolu. Jew, fi kliem ieħor, kull sistema li jkollha taqsima fuq il-lemin tas-simbolu, irid ikollha dik it-taqsima tax-xellug tas-simbolu. Mela, jekk sistema jkollha l-'aħmar' irid ikollha wkoll l-'abjad' u l-'iswed'; jekk ikollha l-'aħdar' ikollha l-'aħmar' (mela jkollha wkoll l-'abjad' u l-'iswed'), imma mhux bilfors ikollha l-'isfar'; jekk ikollha l-'isfar' ikollha l-'aħmar' u mhux bilfors ikollha l-'aħdar'; jekk ikollha l-'ikħal' ikollha l-'aħdar' u/jew l-'isfar', l-'aħmar', u l-'abjad' u l-'iswed'; jekk ikollha l-'kannella' jkollha l-'ikħal', l-'aħdar' u/jew l-'isfar', l-'aħmar', l-'abjad' u l-'iswed'; u jekk ikollha wieħed jew aktar mill-'vjola', 'roża', 'oranġjo', u 'griż' (dawk ta' l-aħħar taqsima) ikollha l-'kannella', l-'ikħal', l-'aħdar' u/jew l-'isfar', l-'aħmar', l-'abjad' u l-'iswed' filwaqt li jista' jkollha xi ħaġa nieqsa mill-kuluri ta' l-aħħar taqsima.[2]

[1] Geoffrey Leech, *Semantics*, Penguin Books, Harmondsworth, 1974, p. 237.
[2] Leech, pp. 234–235.

**L-istadji fl-evoluzzjoni tal-kuluri fil-Malti**

Meta napplikaw dawn il-kategoriji għall-Malti, insibu li hemm tliet stadji fl-evoluzzjoni tal-kuluri fil-Malti:

1. l-istadju Semitiku
2. l-istadju Romanz
3. l-istadju Ingliż

**L-istadju Semitiku**

L-istadju Semitiku huwa l-eqdem; jagħtina dawk it-termini tal-kuluri li ġejjin mill-Għarbi. Jiġifieri, jekk immorru 'l bogħod fil-ġrajja ta' lsienna nsibu li fil-qasam tat-terminoloġija tal-kuluri s-sistema kienet ibbażata fuq tmien kategoriji bażiċi f'sitt taqsimiet:

Tabella 4

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| abjad<br>iswed | < aħmar | < aħdar | < ikħal<br>isfar | < ismar | < ixheb |

Illum 'kannella' huwa aktar popolari minn 'ismar'; u 'griż' ħa post 'ixheb'. Dawn huma kollha termini Semitiċi – fattur li jindika li huma f'saff eqdem mill-kuluri l-oħra bħal 'roża', 'vjola', 'marun', 'wajn'. Meta niflu sew dan l-ewwel stadju ninnutaw li hemm sistema fit-tiswir morfoloġiku tagħhom.

a. It-termini għandhom l-istess forma morfoloġika: $v^1k^1k^2v^2k^3$ (fejn v = vokali; k = konsonanti); dan il-mudell huwa tal-maskil u jitlob mudell ieħor konsistenti għall-feminil, $k^1v^1k^2k^3v^2$ ('bajda', 'sewda', 'ħamra', 'ħadra', 'safra', 'kaħla', 'samra', 'xehba'), u ieħor għall-plural, $k^1v^1k^2v^2k^3$ ('bojod', 'suwed', 'ħomor', 'ħodor', 'sofor', 'koħol', 'somor', 'xohob'); it-termini fl-istadji l-oħra ma jsegwux mudelli konsistenti.
b. It-termini għandhom derivazzjoni aġġettivali fuq l-istess mudell: $k^1v^1k^2k^3v^2k^4(v^3)$ fejn l-aħħar vokali m'hijiex obbligatorja – 'bajdan(i)', 'sewdien(i)', 'ħamran(i)', 'ħadran(i)', 'safran(i)', 'kaħlan(i)', 'samran(i)', 'xehbien(i)'; morfoloġikament jiffunzjonaw sħaħ u allura dawn l-aġġettivi għandhom il-mudelli konsistenti tagħhom għall-femminil ($k^1v^1k^2k^3v^2k^4$+'a/ija' – 'bajdana/bajdanija', 'sewdiena/sewdenija', 'ħamrana/ħamranija', 'ħadrana/ħadranija', 'safrana/safranija', 'kaħlana/kaħlanija', 'samrana/samranija', 'xehbiena/xehbinija') u għall-plural ($k^1v^1k^2k^3v^2k^4$+'in' – 'bajdanin', 'sewdenin', 'ħamranin', 'ħadranin', 'safranin', 'kaħlanin', 'samranin', 'xehbinin'); it-termini fl-istadji l-oħra ma jitnisslux aġġettivi minnhom.

c. It-termini għandhom tliet derivazzjonijiet nominali b'tifsira astratta ta' kwalità jew stat mibnija fuq l-istess mudelli: (i) $k^1k^2vk^3$ (= nom maskil), (ii) $k^1k^2vk^3$+'a' (= nom femminil), (iii) $k^1k^2vk^3$+'ija' (= nom femminil) – 'bjud', 'bjuda', 'bjudija'; 'swied', 'swieda', 'swidija'; 'ħmur', 'ħmura', 'ħmurija'; 'ħdur', 'ħdura', 'ħdurija'; 'sfur', 'sfura', 'sfurija'; 'kħul', 'kħula', 'kħulija'; 'smur', 'smura', 'smurija'; 'xhieb', 'xhieba', 'xhubija'; mudell (i) jagħti terminu ġenerali; mudell (ii) ġeneralment jagħti nom astratt li juri kwalità marbuta mal-kulur (eż. 'bjuda' = kwalità ta' safa; 'ħdura' = kwalità ta' mibegħda); u mudell (iii) ġeneralment jagħti nom astratt li juri l-istat tal-lewn (eż. 'bjudija' = stat li xi ħaġa tkun bajda; 'ħmurija' = stat li xi ħaġa tkun ħamra); imma minkejja dan, iż-żewġ mudelli (ii) u (iii) huma semantikament *interchangeable*, jiġifieri semantikament jistgħu jinbidlu ma' xulxin.

d. It-termini jitnisslu minnhom il-forom tal-verbi: II ('bajjad', 'ħaddar', 'ħammar', 'kaħħal', 'saffar', 'sewwed'); III ('xieheb'); V ('tbajjad', 'tħaddar', 'tħammar', 'tkaħħal', 'issewwed'); VI ('ixxieheb'); VII ('nħamar'); IX ('bjad', 'ħdar', 'ħmar', 'kħal', 'smar', 'sfar', 'swied', 'xhieb').

e. It-termini għandhom il-parteċipji passati tagħhom: 'mbajjad', 'mħaddar', 'mħammar', 'mkaħħal', 'msaffar', 'msewwed', 'mixhub'.

f. It-termini għandhom (i) in-nomi ta' l-aġent ($k^1v^1k^2k^2v^2k^3$/+'a'/+'in'): 'bajjad/a/in', 'ħaddar/a/in', 'ħammar/a/in', 'kaħħal/a/in', 'sewwied/a/in'; u (ii) l-aġġettivi ta' l-aġent ($k^1v^1k^2k^2v^2k^3v^3$/+'ja'/+'n') korrispondenti magħhom: 'bajjadi/ja/n', 'ħaddari/ja/n', 'ħammari/ja/n', 'kaħħali/ja/n', 'sewwiedi/ja/n'.

g. It-termini għandhom (i) in-nomi verbali: 'tibjid', 'tbajjid'; 'taħdir', 'tħaddir'; 'taħmir', 'tħammir'; 'tikħil', 'tkaħħil'; 'tiswid'; 'tixhib'; u (ii) għandhom in-nomi verbali ta' unità li jikkorrispondu magħhom: 'tibjida', 'tbajjida'; 'taħdira', 'tħaddira'; 'taħmira', 'tħammira'; 'tikħila', 'tkaħħila'; 'tiswida'; 'tixhiba'.

h. Xi wħud minnhom jieħdu l-forma nominali/aġġettivali $k^1v^1k^2k^3v^2$/+'ja'/+'n': 'ħamri/ja/n', 'kaħli/ja/n', 'xehbi/ja/n'.

i. Xi wħud minnhom isawru diminuttivi aġġettivali: 'ħdajjar/ħdajra/ħdajrin'; 'ħmajjar/ħmajra/ħmajrin'; 'kħajjel/kħajla/kħajlin'; 'kħajli/kħajlija/kħajlin'; 'smajjar/smajra/smajrin'; 'sfajjar/sfajra/sfajrin'; 'swejjed/swejda/swejdin'.

Din il-konsistenza morfoloġika tixhed tiswir lokali qadim u xejriet semantiċi qodma.

Barra minn hekk, jidher li fil-qedem il-Malti kellu tliet termini li jfissru xi għamla ta' blu:

- 'ikħal' = blu skur (*dark blue*); kelma ġejja mill-Għarbi *akħal* (b'għajnejn suwed), *kaħli* (ta' kulur blu), u *kuħl* (kollirju li hu għamla ta' *eyeshadow* skur) – f'dan it-terminu hemm enfasi etimoloġiku fuq l-iskurezza; insibuh fl-istrutturi fissi tal-Malti li huma 'ikħal nir' (*deep sky-blue*; *as blue as indigo*) u 'jagħti fl-ikħal' (*bluish*);

- 'iżraq' = blu jgħajjat (*bright blue, azure*); kelma ġejja mill-Għarbi *ażraq* (blu, griż) u nsibuha l-aktar fil-frażi 'għajnejn żoroq' u minnha tnissel l-isem ta' 'Żurrieq';
- 'nir' = blu qawwi; indigo (*deep blue*; *indigo*); kelma ġejja mill-Għarbi *nil* (indigo, li hija pjanta tropikali li fl-antik kienu jikkultivawha biex minnha joħorġu żebgħa blu skur; biż-żmien 'indigo' ġiet tfisser iż-żebgħa blu skur innifsu; u fl-ispettru huwa l-kulur bejn il-blu u l-vjola); insibu l-istruttura fissa 'ikħal nir' u ninnotaw li 'nir' m'għandux l-istess forom morfoloġiċi bħall-oħrajn minħabba li ġej minn isem ta' pjanta u jieħu l-forom 'nir', 'nira', 'njar'.

L-ambjent Mediterranju-Malti huwa mdawwar bil-blu – sema u baħar – u għalhekk kellhom bżonn jagħżlu bejn sfumaturi differenti ta' blu. It-terminu 'ikħal' assuma aktar ġeneralità u importanza mit-tnejn l-oħra. Ta' min jgħid li biex ifissru xi kunċett ta' kulur ieħor, barra t-termini speċifiċi ta' dan l-ewwel stadju, setgħu użaw xi forom ta' TP, TO, TA, u TW.

Jidher ukoll li l-Malti kellu żewġ termini li jfissru xi għamla ta' abjad:

- 'abjad', kelma ġejja mill-Għarbi *abjad* bl-istess tifsira; dan it-terminu fil-Malti kiseb ċirkulazzjoni ġenerali u jintuża fis-sitwazzjonijiet kollha;
- 'ixjeb', kelma ġejja mill-Għarbi *xajjaba* (sar xagħru abjad) u *xajb* (xagħar abjad) – dan it-terminu huwa marbut max-xagħar u jieħu l-forom kollha tal-kuluri sħabu: 'ixjeb', 'xejba', 'xojob', 'xejbien(i)', 'xejbiena/xejbinija', 'xejbinin'; jidħol fil-konsistenza morfoloġika ta' l-oħrajn b'dawn il-forom: il-verbi 'xieb' (I) u 'xejjeb' (II), il-parteċipji passati 'mixjub' u 'mxejjeb', in-nom/l-aġġettiv 'xejbi/ja/n', in-nom verbali 'tixjib', u n-nom verbali ta' unità 'tixjiba'.

Kien hemm ukoll żewġ termini li jfissru l-kulur aħmar:

- 'aħmar', kelma ġejja mill-Għarbi *aħmar* bl-istess tifsira; dan it-terminu, fil-Malti kiseb ċirkulazzjoni ġenerali u jintuża fis-sitwazzjonijiet kollha;
- 'ixqar', kelma ġejja mill-Għarbi *axqar* li nistgħu nittraduċuha fl-Ingliż bil-kelma *sorrel* (żiemel ta' lewn kannella ħamrani); f'xi rħula (bħall-Mosta u l-Mellieħa) 'ixqar' tintuża għal xi ħadd li għandu xagħru ħamrani u li f'postijiet oħra jsejħulu 'ġinġer'; dan it-terminu (ukoll marbut max-xagħar, kif qed ngħidu) jieħu l-forom morfoloġiċi li ġejjin bħal sħabu l-kuluri: 'ixqar', 'xaqra', 'xoqor', 'xaqrani', 'xaqranija', 'xaqranin', 'xqur/a', 'xqurija', 'ixxaqqar' (V), 'xqar' (IX), 'muxqar', 'xaqqar/a/in', 'tixqir/a', 'xaqri/ja/n', 'xqajjar', 'xqajra', 'xqajrin'; jiġifieri it-terminu qed jidħol fil-konsistenza morfoloġika tal-kuluri l-oħrajn.

B'din l-informazzjoni kollha nistgħu allura naġġornaw Tabella 4:

Tabella 4 (a)

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| abjad/ixjeb iswed | < aħmar/ixqar | < aħdar isfar | < ikħal/iżraq /nir | < ismar | < ixheb |

U nżommu f'moħħna li

- 'ixjeb' m'għadux jintuża; id-derivazzjonijiet tiegħu jistgħu jinsabu f'xi testi letterarji; 'abjad' huwa t-terminu li fl-evoluzzjoni baqa' ħaj;
- 'ixqar' għandu kuntest marbut max-xagħar; 'aħmar' huwa l-terminu li kiseb l-aktar popolarità;
- 'iżraq' għandu kuntest limitat ħafna: 'għajnejn żoroq' u fit-toponomija; 'ikħal' huwa t-terminu li fl-evoluzzjoni kiseb l-aktar popolarità;
- 'nir' ukoll għandu kuntest limitat ħafna: 'ikħal nir' u 'sema nir';
- 'ismar' għadu jintuża f'kuntesti speċifiċi: 'bniedem ismar', 'ħobż ismar', 'zokkor ismar'; id-derivazzjonijiet tiegħu wkoll għadhom popolari l-aktar fejn jidħol il-kulur tal-ġilda ('tifel smajjar', 'raġel samrani', 'is-smura ta' ġismu', 'smaret għax qagħdet fix-xemx', 'is-somor b'saħħithom'); imma fl-evoluzzjoni dan it-terminu ma baqax dieħel fl-oqsma kollha tas-soċjetà, tant li fit-tieni stadju ħadlu postu t-terminu 'kannella';
- 'ixheb' m'għadux jintuża; id-derivazzjonijiet tiegħu jistgħu jinsabu f'xi testi letterarji; fl-evoluzzjoni t-terminu 'griż' ħadlu postu għal kollox.

Jekk niġbru din l-informazzjoni kollha li għandna fuq dan l-ewwel stadju jkollna din ir-rappreżentazzjoni (li fiha t-tqassim qiegħed għall-konvenjenza ta' l-ispjegazzjoni):

Tabella 5

| **Forma ewlenija** | **Termini** | **Funzjoni grammatikali** |
|---|---|---|
| $v^1k^1k^2v^2k^3$ | abjad, ixjeb, iswed, aħmar, ixqar, aħdar, isfar, ikħal, iżraq, ismar, ixheb [eċċezzjoni: nir] | nom/aġġettiv maskil |
| $k^1v^1k^2k^3v^2$ | bajda, xejba, sewda, ħamra, xaqra, ħadra, safra, kaħla, żerqa, samra, xehba [eċċezzjoni: nira] | nom/aġġettiv femminil |
| $k^1v^1k^2v^2k^3$ | bojod, xojob, suwed, ħomor, xoqor, ħodor, sofor, koħol, żoroq, somor, xohob [eċċezzjoni: njar] | nom/aġġettiv plural |

| **Derivazzjonijiet 1** | **Termini** | **Funzjoni grammatikali** |
|---|---|---|
| $k^1v^1k^2k^3v^2k^4$ (+i) | bajdan(i)/xejbien(i), sewdien(i), xaqran(i), ħamran(i, ħadran(i), safran(i), kaħlan(i), samran(i), xehbien(i) [*żerqan(i)] | aġġettiv maskil |
| $k^1v^1k^2k^3v^2k^4$ +a/ija | bajdana/bajdanija, xejbiena/xejbinija, sewdiena/sewdinija, ħamrana/ħamranija, xaqrana/xaqranija, ħadrana/ħadranija, safrana/safranija, kaħlana/kaħlanija, samrana/samranija, xehbiena/xehbinija [*żerqana/żerqanija] | aġġettiv femminil |
| $k^1v^1k^2k^3v^2k^4$ +in | bajdanin, xejbinin, sewdenin, ħamranin, xaqranin, ħadranin, safranin, kaħlanin, samranin, xehbinin [*żerqanin] | aġġettiv plural |
| **Derivazzjonijiet 2** | **Termini** | **Funzjoni grammatikali** |
| $k^1k^2vk^3$ | bjud, xjieb, swied, ħmur, xqur, ħdur, sfur, kħul, smur, xhieb [eċċezzjoni: żerq] | nom maskil |
| $k^1k^2vk^3$+a | bjuda, xjieba, swieda, ħmura, xqura, ħdura, sfura, xhieba | nom femminil |
| $k^1k^2vk^3$+ija | bjudija, xjubija, swidija, ħmurija, xqurija, ħdurija, sfurija kħulija, żruqija, smurija, xhubija | nom femminil |
| **Form tal-verb** | **Termini** | **Funzjoni grammatikali** |
| | xieb | I Forma |
| | bajjad, xejjeb, sewwed, ħammar, ħaddar, saffar, kaħħal [*żerraq] | II Forma |
| | xieheb | III Forma |
| | tbajjad, ixxejjeb, issewwed, tħammar, ixxaqqar, tħaddar, issaffar, tkaħħal [*iżżerraq] | V Forma |
| | ixxieheb | VI Forma |
| | nhamar | VII Forma |
| | bjad, xjieb, swied, ħmar, xqar, ħdar, sfar, kħal, żrieq, smar, xhieb | IX Forma |

| **Derivazzjonijiet 3** | **Termini** | **Funzjoni grammatikali** |
|---|---|---|
| | mbajjad, mxejjeb, mixjub, msewwed, mħammar, muxqar, mħaddar, msaffar, mkaħħal, miżruq, mixhub [*mżerraq] | partiċipju passat |
| **Derivazzjonijiet 4** | **Termini** | **Funzjoni grammatikali** |
| $k^1v^1k^2k^2v^2k^3$/+a/+in | bajjad/a/in, sewwied/a/in, ħammar/a/in, xaqqar/a/in, kaħħal/a/in [eċċezzjoni: Żurrieq bħala isem tar-raħal ma jiħux il-femminil u l-plural] | nom ta' l-aġent |
| $k^1v^1k^2k^2v^2k^3v^3$/+ja/+n | bajjadi/ja/n, sewwiedi/ja/n. ħammari/ja/n, ħaddari/ha/n, kaħħal/ja/n, Żurrieqi/ja/n | aġġettiv ta' l-aġent |
| **Derivazzjonijiet 5** | **Termini** | **Funzjoni grammatikali** |
| | tibjid, tbajjid; tixjib; tiswid; taħmir; tixqir; tikħil; tkaħħil; tiżriq; tixhib | nom verbali |
| | tibjida, tbajjida; tixjiba; tiswida; taħmira, tħammira; tixqira; taħdira, tħaddira; tikħila, tkaħħila; tiżriqa tixhiba | nom verbali ta' unità |
| **Derivazzjonijiet 6** | **Termini** | **Funzjoni grammatikali** |
| $k^1v^1k^2k^3v^2$/+ja/+n | xejbi/ja/n, ħamri/ja/n, xaqri/ja/u, kaħli/ja/n, xehbi/ja/n | nom/aġġettiv |
| **Derivazzjonijiet 7** | **Termini** | **Funzjoni grammatikali** |
| | swejjed/swejda/swejdin; ħmajjar/ħmajra/ħmajrin; xqajjar/xqajra/xqajrin; ħdajjar/ħdajra/ħdajrin; sfajjar/sfajra/sfajrin; kħajjel/kħajla/kħajlin; kħajli/kħajlija/kħajlin; smajjar/smajra/smajrin | diminuttiv aġġettivali |

Dan ifisser li fit-terminoloġija qadima tal-kuluri fil-Malti kien hemm sitt taqsimiet u tmien kategoriji li jagħtu t-termini speċifiċi, u tlieta minn dawn it-termini kellhom is-sinonimi tagħhom. Fil-każ tas-sinonimi 'ikħal, iżraq, nir', it-terminu 'ikħal' l-aktar li kiseb ċirkulazzjoni u eventwalment stabilixxa ruħu bħala t-terminu li jfisser il-kunċett ta' blu b'mod ġenerali. Fil-Malti kontemporanju, it-terminu 'blu' però qed jeħodlu postu. Fil-każ tas-sinonimi 'abjad, ixjeb', it-tieni

terminu ħareġ miċ-ċirkulazzjoni u 'abjad' jintuża għal kollox. U fil-każ tas-sinonimi 'aħmar, ixqar', huma l-ewwel terminu li stabilixxa ruħu b'mod ġenerali.

Mit-Tabella 4 (a) jidher li l-vokabularju tal-kuluri fil-Malti Semitiku kien ibbażat fuq dawn it-termini. Din is-sistema turi li

- l-abjad u l-iswed imorru flimkien;
- l-aħdar u l-isfar ukoll imorru flimkien;
- la hemm l-ixheb hemm l-ismar;
- la hemm l-ismar hemm l-ikħal;
- la hemm l-ikħal hemm l-aħdar u l-isfar;
- la hemm l-aħdar u l-isfar hemm l-aħmar;
- la hemm l-aħmar hemm l-abjad u l-iswed.

Fis-semantika Semitika ma nistgħux insibu l-aħdar mingħajr l-isfar, u l-iswed mingħajr l-abjad. Dawn l-aħħar żewġ kuluri nsibuhom f'vers wieħed fil-*Kantilena* (c.1480): 'Hemm art bajda, u hemm art sewda u ħamra.'

**L-istadju Romanz**

L-evoluzzjoni li seħħet fuq dan l-ordni fiss fl-istadji storiċi tal-vokabularju tal-kuluri Maltin, turi li l-ewwel żieda ġiet mir-Romanz. Kienet żieda meħtieġa minħabba l-iżvilupp storiku u soċjali li kien qed iseħħ. B'hekk it-terminoloġija tal-kuluri Maltin evolviet fi ħdax-il kategorija mqassmin fis-sitt taqsimiet, jiġifieri kien hemm żieda ta' tliet kategoriji bażiċi:

Tabella 6

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| abjad<br>iswed | < aħmar | < aħdar<br>isfar | < ikħal | < kannella | < vjola<br>roża<br>oranġjo<br>griż |

B'dawn il-kategoriji s-sistema Maltija, għal skopijiet ta' traduzzjoni, daħlet f'korrispondenza formali ta' wieħed għal wieħed mas-sistema ta' l-Ingliż:

Tabella 7

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| abjad, *white*<br>iswed, *black* | <<br>aħmar, *red* | <<br>aħdar, *green*<br>isfar, *yellow* | <<br>ikħal, *blue* | <<br>kannella, *brown* | <<br>vjola, *purple*<br>roża, *pink*<br>oranġjo, *orange*<br>griż, *grey* |

Ta' min jgħid li s-suffiss *–ish* (*whitish, pinkish*) ta' l-Ingliż jista' jkun ekwivalenti għal '-ani' ('bajdani') u għal 'jagħti fi' ('jagħti fir-roża') fil-Malti.

## L-istadju Ingliż

Minkejja din il-korrispondenza formali, bdew deħlin bosta termini ta' kuluri f'kull qasam tas-soċjetà. Dan ġara minħabba l-kuntatt li l-Malti kellu ma' l-Ingliż. Qed insejjaħlu 'l-istadju Ingliż' għaliex it-termini ġeneralment daħlu permezz ta' l-Ingliż; jiġifieri, termini Ingliżi ta' kuluri u termini ta' kuluri minn ilsna oħra li l-Ingliż adatta għaddew fil-Malti mill-Ingliż, u bosta drabi l-influwenza Ingliża fuqhom baqgħet ġejja fil-Malti wkoll. F'dan l-istadju wkoll huma inklużi t-termini li baqgħu deħlin mir-Romanz.

It-termini li bdew deħlin, però, xorta jidħlu f'xi kategorija mill-ħdax-il waħda bażika. Ħa nieħdu xi eżempji, u biex inkunu nistgħu naħdmu aħjar, se ntajjar it-taqsimiet u se nagħmel kull kategorija f'taqsima għal rasha:

Tabella 8

**Il-ħdax-il kategorija bażiċi tal-kuluri**

| **abjad** | **iswed** | **aħmar** | **aħdar** | **isfar** | **Ikħal** |
|---|---|---|---|---|---|
| alabastru, *alabster* | ebbanu, *ebony* | marun, *maroon* | avokado, *avocado* | magnolja, *magnolia* | blu, *blue* |
| gardenja, *gardenia* | | wajn, *wine (red)* | lajm, *lime* | beġ, *beige* | denim, *denim* |
| offwajt, *off white* | | rast, *rust* | pistaċċa, *pale green* | krim, *cream* | *navy blue, navy blue* |
| | | maġenta, *magenta* | verdemar, *sea green* | okra, *ochre* | ċelesti, *light blue* |
| | | infrared, *infrared* | akkwamarin, *aquamarine* | bjond, *blonde* | *royal blue, royal blue,* |
| | | terrakotta, *terracotta* | | kaki, *khaki* | turkważ, *turquoise* |
| | | karminju, *carmine* | | | ultramarin, *ultramarine* |
| | | qroll, *coral* | | | lavender, *lavender* |
| | | vermilju, *vermilion* | | | indigo, *indigo* |
| | | klaret, *claret* | | | blu elektrik, *electric blue* |
| | | fuxa, *fuchsia* | | | |

| **Kannella** | **vjola** | **roża** | **oranġjo*** | **Griż** |
|---|---|---|---|---|
| ekru, *ecru* | lelà, *lilac* | blaxx, *blush* | paprika, *paprika* | *taupe*/talpa, *taupe* |
| fon, *fawn* | *mauve, mauve* | *carnation, carnation* | mandolina, *mandorin* | metalliku, *metallic grey* |
| kafellatte, *white coffee* | wisterja, *wisteria* | ċiklami, *cyclamen* | *peach, peach* | titanju, *titanium* |
| sepja, *sepia* | ultravjola, *ultraviolet* | *baby pink, baby pink* | | lewn is-siment, *cement grey* |
| bajju, *bay* | damaskina, | flamingo, *flamingo* | | |
| dipsi, *dun* | | *Italian pink, Italian Pink* | | |
| brunett, *brunette* | | | | |

* Dan il-kulur spiss nirreferu għalih bl-Ingliż, *orange*.

## It-termini bażiċi

Minkejja din l-evoluzzjoni, xorta rridu nagħmlu distinzjoni bejn

a. it-termini bażiċi tal-kuluri (l-ewwel saff),
b. it-termini bażiċi tal-kuluri (it-tieni saff), u
c. it-termini sekondarji tal-kuluri.

It-termini bażiċi ta' l-ewwel saff huma dawk li nsibu fl-ewwel stadju: l-abjad, l-iswed, l-aħmar, l-aħdar, l-isfar, l-ikħal. Dawn m'għandhom bżonn ebda referenza għal xi kulur ieħor.

It-termini bażiċi tat-tieni saff huma dawk li żdiedu jew inbidlu fit-tieni stadju: il-kannella, il-vjola, ir-roża, l-oranġjo, il-griż. Qed jitqiesu tat-tieni saff għaliex kull wieħed minnhom joqrob lejn xi wieħed minn ta' l-ewwel saff: eż. il-'kannella' lejn l-'aħmar' ('art ħamra' = il-lewn tal-ħamrija jkun 'kannella' jgħajjat); l-'oranġjo' lejn l-'isfar' ('il-lariġ sfar sew'). Imma xorta qegħdin dawn it-termini jitqiesu bażiċi minħabba li llum tant indraw li t-termini l-ġodda li deħlin, jirreferu għalihom ukoll: eż. 'il-fon *(fawn)* huwa għamla ta' kannella ċar'; 'il-*peach* huwa oranġjo jagħti fir-roża'. Jiġifieri, dawn it-termini tat-tieni saff assumew importanza ta' referenza.

Filwaqt li t-termini sekondarji huma l-bqija u jissejħu hekk għax wieħed dejjem jista' jqarribhom lejn xi terminu bażiku (ta' l-ewwel jew tat-tieni saff) biex jidentifikahom.

Fit-termini bażiċi

- il-firxa ta' referenza tagħhom ma tinkludix xi kulur ieħor, bħalmeta ngħidu 'kafellatte' li jirreferi għal għamla ta' 'kannella';
- it-termini m'humiex restritti fir-referenza tagħhom għal għadd żgħir ta' oġġetti, bħalmeta ngħidu 'bjond' li jirreferi l-aktar għall-kulur tax-xagħar jew tal-ġilda, jew 'dipsi' li jirreferi għall-kulur ta' żiemel;

- it-tifsira tat-terminu sħiħ ma tittiħidx mit-tifsira tal-partijiet, bħalmeta ninqdew b'termini bħal 'griż metalliku' jew 'isfar fl-aħmar';
- ir-referenza għalihom hija universali: meta jidħol xi kulur ġdid issir referenza għall-eqreb wieħed minnhom; dan ifisser li kunċett ta' kulur ġeneralment ikun identifikat mill-bażiku mhux mis-sekondarju.

Meta t-termini bażiċi ta' l-ewwel saff kienu waħedhom kienu, naturalment, jinfirxu fuq medda usa' ta' kuluri u intensitajiet ta' lwien aktar minn meta l-kategoriji adottaw is-sistema ta' ħdax-il terminu. Hekk kienu jirreferu għall-'ħamrija ħamra' u 'larinġ aħmar' – dawn għadhom jinstemgħu sal-lum għax saru parti mill-frażijiet istituzzjonalizzati.

L-implikazzjoni ta' dan kollu tiswa ħafna lit-traduttur. Minkejja l-korrispondenza li jkun hemm bejn il-kuluri fiż-żewġ lingwi li jkun qiegħed jaħdem bihom, dak li jkun imfisser fl-ewwel lingwa b'kulur mhux bilfors irid jitfisser bl-istess kulur fit-tieni lingwa. Pereżempju, fl-Ingliż insibu *black-eye*, jiġifieri l-kulur involut huwa l-'iswed'; imma t-terminu *black-eye* fil-Malti, għalkemm ġeneralment jibqa' bl-Ingliż, għandu l-ekwivalenti 'kuħħala tal-għajn', jiġifieri l-kulur involut huwa l-'ikħal'. L-affari hija kwistjoni ta' perċezzjoni wkoll: ngħidu aħna, il-kulur *pearl* (hekk jintuża fil-Malti wkoll) ġie li jitfisser bħala *silvery-white* u ġie li bħala *bluish-white* fl-Ingliż u bħala 'blu ċar fil-griż' fil-Malti.

**Analiżi skond id-dehra tal-kuluri**

Meta l-kuluri nirranġawhom f'ordni sistematika, naraw aħjar id-differenzi ta' bejniethom. Nistgħu nirranġawhom skond il-karatteristiċi tad-dehra tagħhom, jewinkella skond il-varjazzjonijiet fil-kompożizzjoni spettrali tad-dawl rifless jew trażmess minnhom. It-tikjil tal-kompożizzjoni spettrali tad-dawl f'*wavelengths* jeħtieġ l-istrumenti, imma nistgħu niflu l-kuluri mid-dehra tagħhom u niddeskrivuhom b'termini bbażati fuq il-perċezzjoni.

Is-sistema li se nispjega issa hija bbażata fuq il-metodu żviluppat, standardizzat, u ppubblikat mill-Inter-Society Color Council (ISCC) u n-National Bureau of Standards (NBS).[3] Dan il-metodu huwa magħruf bħala l-'ISCC-NBS Method of Designating Colors' u jintuża f'*Dictionary of Color Names*.[4] Wara li nispjega dan il-metodu, inlaqqgħu mal-kategoriji bażiċi biex napplika kollox għall-Malti.

Il-metodu ISCC-NBS huwa wieħed sempliċi fil-prinċipju, ibbażat fuq analiżi ta' tliet dimensjonijiet tal-kuluri:

[3] Dan hu spjegat u elaborat fil-*Webster's Third New International Dictionary of the English Language: Unabridged* (G. & C. Merriam Co., USA, 1966), p. 448.
[4] NBS Circular 553, National Bureau of Standards, Washington, 1955.

(a) il-lewn (*hue*)
(b) id-dawl (*lightness*)
(c) il-mili (*saturation*)

Analizzati skond id-dehra tagħhom, il-kuluri juru li għandhom sfumaturi li jixbhu l-isfumaturi ta' l-ispettru. Dawn il-kuluri li għandhom l-isfumaturi ta' l-ispettru jissejħu kromatiċi u jvarjaw minn dawk il-kuluri ta' l-iskala li mill-abjad tgħaddi minn sfumaturi differenti ta' griż u tibqa' sejra għall-iswed – skala li tissejjaħ akromatika (jew newtrali, għax bla kulur ta' l-ispettru). Dan it-tqassim jagħtina t-terminu deskrittiv tal-lewn. Mela l-lewn jista' jkun jew a) 'kromatiku' għax ikollu xi sfumatura li tixbah xi waħda ta' l-ispettru jew b) 'akromatiku' għax ma jkollu ebda sfumatura li tixbah lil xi waħda ta' l-ispettru, jiġifieri jkun wieħed minn dawk li hemm fl-iskala abjad-griż-iswed.

Jekk dawn il-kuluri kollha, kemm dawk kromatiċi u kemm dawk akromatiċi, inkomplu nagħtuhom ordni, xi whud minnhom jidhru ċari, oħrajn skuri, u oħrajn xi mkien fin-nofs bejn dawn l-estremitajiet. Barra minn hekk, xi kuluri jkunu ċari ħafna u oħrajn skuri ħafna. Dan it-tqassim jagħtina t-terminu deskrittiv tad-dawl u jikkontrolla l-ħeffa tal-kulur. Il-ħeffa hawnhekk qed tirreferi għad-dawl li jkun hemm f'kulur. Wieħed jistaqsi: X'inhu l-istat/il-grad tad-dawl? U t-tweġiba tista' tkun 'dawl ħafif' jew 'dawl qawwi' jew 'dawl moderat'.

Meta mbagħad nieħdu xi kuluri u naraw l-isfumaturi u d-dawl tagħhom kollha, insibu li xi kuluri jispikkaw aktar minn oħrajn. Dan l-arranġament jagħtina ordni ta' differenzi li jiżdiedu skond is-saturazzjoni tagħhom, jiġifieri kemm ikollhom abjad imħallat magħhom. Dan it-tqassim jagħtina t-termini deskrittivi tal-mili, jiġifieri huwa tqassim li juri kemm il-kuluri jkunu mimlijin bil-lewn tagħhom. Aktar ma jiżdied l-abjad, aktar jonqos il-lewn (jew inqas ikun il-mili).

Dawn it-tliet kwalitajiet ta' lewn, dawl, u mili huma dimensjonijiet tal-kulur u jipprovdu grupp nominali bħala terminu deskrittiv ta' kulur (eż. 'isfar skur jgħajjat'). Il-lewn (eż. 'isfar') ikun l-element ewlieni tal-grupp nominali (GN) li jkun qed jindika l-kulur. Imbagħad it-terminu jagħżel, bħala attributtiv fil-grupp nominali, bejn id-dawl (eż. 'isfar skur') u l-mili (eż. 'isfar jgħajjat'). Hekk, jekk nitkellmu fuq 'isfar skur' inkunu qegħdin inqisu d-dawl tal-kulur; u jekk nitkellmu fuq 'isfar jgħajjat' inkunu qegħdin inqisu l-mili tal-kulur. Imma nistgħu wkoll inwaħħdu l-kwalità tad-dawl ma' dik tal-mili: 'isfar skur jgħajjat'. F'dan il-każ, l-ordni fil-grupp nominali ġeneralment ikun hemm l-ewwel il-lewn (bħala l-element ewlieni tal-grupp nominali), imbagħad jiġi l-attributtiv tad-dawl, u fl-aħħar l-attributtiv tal-mili. Fil-qosor dan kollu nistgħu nirrappreżentawh hekk (il-brekits juru elementi mhux obbligatorji): GN bħala terminu deskrittiv ta' kulur = lewn + (dawl) + (mili).

Allura issa jonqosna nniżżlu lista ta' l-ilwien (bħala elementi ewlenin fil-grupp nominali) u listi deskrittivi li juru d-dawl u l-mili (bħala attributtivi tal-grupp nominali). Fil-lista ta' l-ilwien se nieħu l-ħdax-il kategorija bażiċi tal-kuluri:

Ilwien – abjad, iswed, aħmar, aħdar, isfar, ikħal, kannella, vjola, roża, oranġjo, griż

It-termini 'ċar' (*light*), 'medju' (*medium*), u 'skur' (*dark*) juru gradi ta' tnaqqis ta' dawl, u dawn jistgħu jiġu mgħejjuna bl-aġġettiv 'ħafna' (*very*) li jestendi din l-iskala biex ikollna: ċar ħafna (*very light*), ċar (*light*), medju (*medium*), skur (*dark*), skur ħafna (*very dark*).

It-termini 'mdallam' (jiġifieri, baxx fis-saturazzjoni tiegħu; jikkorrispondi għall-Ingliż *greyish*), 'moderat' (*moderate*), 'jgħajjat' (*strong*), u 'qawwi' (*vivid*) juru gradi ta' tiżjid fil-mili. Hawnhekk ukoll jista' jintuża l-aġġettiv 'ħafna', imma jekk l-attributtivi tad-dawl u tal-mili jintużaw f'daqqa, dan l-aġġettiv 'ħafna' jintuża darba biss. L-iskala tal-mili hija: imdallam ħafna (*very greyish*), imdallam (*greyish*), moderat (*moderate*), jgħajjat (*strong*), jgħajjat ħafna (*very strong*), qawwi (*vivid*), qawwi ħafna (*very vivid*).

Dawn jingħaqdu flimkien biex jiffurmaw termini deskrittivi ta' kuluri skond it-tliet attributi li jidhru. Fl-Ingliż jistgħu jintużaw aġġettivi oħra li jkopru tagħqid ta' dawl u mili, bħal *brilliant* li fil-Malti ssir 'ċar jgħajjat' u kultant 'brillanti' (eż. *brilliant yellow* = isfar ċar jgħajjat, isfar brillanti), *pale* li fil-Malti tista' ssir 'mitfi' għal 'ċar imdallam' (eż. *pale yellow* = isfar mitfi), u *deep* li fil-Malti ssir 'skur jgħajjat' (eż. *deep yellow* = isfar skur jgħajjat).

F'tabella dan kollu jidher hekk:

Tabella 9

| **Lewn** | **Dawl** | **Mili** |
|---|---|---|
| Ilwien kromatiċi: | ċar ħafna, ċar, medju, skur, skur ħafna | imdallam, moderat, jgħajjat, qawwi |
| aħmar, aħdar, isfar, ikħal, kannella, vjola, roża, oranġjo | ċar jgħajjat, mitfi, skur jgħajjat<br><br>(N.B. l-ilwien kollha huma maskil, hawnhekk, ukoll dawk li jispiċċaw bl-ittra 'a': eż. 'kannella ċar', 'vjola skur', 'roża mitfi') | |
| Ilwien akromatiċi/newtrali:<br><br>abjad, iswed, griż | (il-griż biss juża 'ċar', 'medju', u 'skur' – aġġettivi ta' dawl biss) | |

Il-lista sħiħa hija:

**Aħmar**

aħmar ċar ħafna, aħmar ċar, aħmar medju, aħmar skur, aħmar skur ħafna, aħmar imdallam, aħmar moderat, aħmar jgħajjat, aħmar qawwi, aħmar ċar jgħajjat, aħmar mitfi, aħmar skur jgħajjat

**Aħdar**

aħdar ċar ħafna, aħdar ċar, aħdar medju, aħdar skur, aħdar skur ħafna, aħdar imdallam, aħdar moderat, aħdar jgħajjat, aħdar qawwi, aħdar ċar jgħajjat, aħdar mitfi, aħdar skur jgħajjat

**Isfar**

isfar ċar ħafna, isfar ċar, isfar medju, isfar skur, isfar skur ħafna, isfar imdallam, isfar moderat, isfar jgħajjat, isfar qawwi, isfar ċar jgħajjat, isfar mitfi, isfar skur jgħajjat

**Ikħal**

ikħal ċar ħafna, ikħal ċar, ikħal medju, ikħal skur, ikħal skur ħafna, ikħal imdallam, ikħal moderat, ikħal jgħajjat, ikħal qawwi, ikħal ċar jgħajjat, ikħal mitfi, ikħal skur jgħajjat

**Kannella**

kannella ċar ħafna, kannella ċar, kannella medju, kannella skur, kannella skur ħafna, kannella imdallam, kannella moderat, kannella jgħajjat, kannella qawwi, kannella ċar jgħajjat, kannella mitfi, kannella skur jgħajjat

**Vjola**

vjola ċar ħafna, vjola ċar, vjola medju, vjola skur, vjola skur ħafna, vjola imdallam, vjola moderat, vjola jgħajjat, vjola qawwi, vjola ċar jgħajjat, vjola mitfi, vjola skur jgħajjat

**Roża**

roża ċar ħafna, roża ċar, roża medju, roża skur, roża skur ħafna, roża imdallam, roża moderat, roża jgħajjat, roża qawwi, roża ċar jgħajjat, roża mitfi, roża skur jgħajjat

**Oranġjo**

oranġjo ċar ħafna, oranġjo ċar, oranġjo medju, oranġjo skur, oranġjo skur ħafna, oranġjo imdallam, oranġjo moderat, oranġjo jgħajjat, oranġjo qawwi, oranġjo ċar jgħajjat, oranġjo mitfi, oranġjo skur jgħajjat

**Newtrali**

abjad, griż ċar, griż medju, griż skur, iswed

F'din is-sistema hemm 101 imqassmin fi blokki tal-kulur tagħhom. Hija sistema li tgħin il-memorja u tispeċifika l-fruntieri ta' kull kulur. Magħhom, jekk inżidu dawk it-termini li jistgħu joqogħdu bħala possibiltajiet li semmejna fit-tabelli ta' qabel, insibu li l-lista ta' termini li juru kuluri hija miftuħa ħafna. Jiġifieri, ikollna xi ħaġa hekk: 'oranġjo fl-aħmar skur jgħajjat', 'aħdar fl-ikħal mitfi', 'aħmar fil-vjola moderat', 'kannella fl-isfar ċar jgħajjat'. Nużaw ukoll l-istruttura fissa 'jagħti fi': eż. 'abjad jagħti kemm kemm fl-isfar'. Imbagħad inżidu wkoll dawk ta' Tabella 8, u kull terminu li jista' joqgħod fiha, u l-lista tkompli tiżdied.

Meta dawn it-termini jintużaw bħala kuluri indipendenti, jintużaw fil-maskil għax fl-istruttura tal-qiegħ tagħhom (jiġifieri, semantikament) dejjem hemm implikat 'kulur': eż. 'ir-roża jixraq hawn' (= 'il-kulur roża jixraq hawn'), 'il-kannella nħobbu fuq l-ilbies' (= 'il-kulur kannella nħobbu fuq l-ilbies').

## Sfumaturi oħra tal-kuluri

F'oqsma speċjalizzati nistgħu nsibu aġġettivi oħra li jaħdmu bħala attributtivi ma' l-ilwien. Ngħidu aħna, fil-qasam taż-żebgħa niltaqgħu ma' aġġettivi bħal 'matt' (*matt*), 'metalliku' (*metallic*), 'imdardar' (*murky*), 'semi-matt' (*semi-matt*), 'ileqq' (*shiny*), u 'trasparenti' (*transparent*). Hawn taħt se nagħti xi eżempji ta' sfumaturi oħra tal-kuluri li niltaqgħu magħhom f'oqsma differenti; fix-xogħol u għall-ħeffa, bosta minnhom jintużaw fl-Ingliż ukoll f'testi Maltin. L-isem ta' waħdu (eż. 'Abjad') huwa t-terminu superordinat u l-listi li jiġu taħtu jkun fihom termini iponimi.

**Abjad** *(white)*

| | |
|---|---|
| abjad lewn il-ġibs, abjad bħall-ġibs | *chalk white, cretaceous* |
| abjad klassiku, abjad antik | *antique white* |
| abjad perla | *pearl white* |
| abjad fiddien | *silvery white, argent* |
| abjad silġ, lewn is-silġ | *niveous white, snowy white, snow-white* |
| abjad jagħti fil-fidda | *argent, silver* |
| abjad luminuż | *allure white* |
| abjad matt | *matt white* |
| abjad fejjiedi | *ghost white* |
| abjad lewn it-tafta | *taffeta white* |
| abjad ħalib, lewn il-ħalib | *milk-white* |
| abjad karti | *white as paper, white as a sheet* |
| abjad lift | *white as a beetroot, white as snow* |
| abjad fiġla | *white as radish, white as snow* |
| abjad qotna, abjad qoton | *white as cotton* |
| abjad tat-tuffieħ | *apple white* |

| | |
|---|---|
| lewn l-għadam | *bone* |
| abjad brillanti | *brilliant white* |
| abjad kożmiku | *cosmic latte* |
| abjad kina | *eggshell* |
| abjad tal-fjuri | *floral white* |
| lewn ir-ragħwa tal-baħar | *seafoam* |
| abjad ta' l-arzelli | *seashell* |
| abjad xitwi | *winter white* |
| kwarz | *quartz* |
| abjad bħall-irħam | *marble white* |
| | **Abjad imħallat** |
| offwajt | *off-white* |
| vanilja, vanilla | *vanilla* |
| abjad ta' l-avorju | *ivory* |
| abjad ta' l-avorju klassiku | *antique ivory* |
| krim, abjad lewn il-krema, abjad krema | *cream* |
| abjad fl-isfar, abjad imnaqqax bl-isfar ċar | *old lace* |
| lewn id-duħħan | *white smoke* |
| abjad fil-griż | *winter sky* |
| abjad safrani | *barley, yellowish white* |
| abjad imnaqqax bil-griż ċar | *dove white* |
| abjad miksur bil-griż | *grey white* |
| abjad miksur biċ-ċelesti | *opal* |
| abjad tal-għażel | *linen* |
| abjad metalliku | *metallic white, titanium white* |
| alabastru | *alabaster* |
| kromju | *chrome* |
| gardenja | *gardenia* |
| abjad Navajo | *Navajo white* |
| abjad fir-roża | *pinkish white* |
| abjad ħadrani | *greenish white* |
| abjad fil-blu, abjad kaħlani | *bluish white* |
| abjad fil-vjola | *purplish white* |
| abjad imdaħħan | *smokey white* |

| | **Isfar** *(yellow)* |
|---|---|
| isfar lewn id-deheb, isfar dehbi | *gold* |
| isfar lewn l-għasel | *honey* |
| isfar lewn il-bettieħ | *melon* |
| isfar lewn iċ-ċitru | *citrine* |
| isfar lewn il-ġiżimin | *jasmine* |
| isfar lewn il-mustarda | *mustard* |
| topazju | *topaz* |
| okra safra | *yellow ochre* |
| lewn il-primula, isfar ċar | *primrose* |
| baff, isfar skur | *buff* |
| beġ | *beige* |
| beġ dehbi | *golden beige* |
| beġe skur | *dusky beige* |
| beġ ċar lewn it-tiben | *champagne* |
| beġ ċar lewn il-qamħ | *maize* |
| isfar lewn iż-żagħfran | *saffron, crocus* |
| isfar lewn il-ġirasol, lewn is-*sunflower* | *sunflower* |
| isfar lewn il-kanarin | *canary* |
| isfar jgħajjat | *goldenrod* |
| isfar jixgħel | *sunglow* |
| isfar lewn il-kari | *curry* |
| isfar lewn il-berquq | *apricot yellow* |
| isfar dehbi tal-ħarifa | *autumn gold* |
| isfar tal-banana | *banana yellow* |
| isfar lellux | *bright yellow* |
| isfar ċar lewn il-butir | *buttermilk* |
| isfar mitfi | *chartreuse yellow* |
| isfar lewn il-qamħirrum | *corn* |
| isfar ta' bajda | *egg yellow* |
| lewn ir-ramel dehbi | *golden sand* |
| isfar awreola | *halo* |
| isfar lumi | *lemon yellow* |
| magnolja | *magnolia* |
| isfar tal-mimoża | *mimosa* |
| isfar dehbi antik | *old gold* |
| isfar parċmina | *parchment yellow* |
| isfar lanġas | *pear* |

| | |
|---|---|
| isfar tal-kwiekeb | *shooting star* |
| isfar xemxi | *spring sun* |
| isfar tal-ġebla | *stone* |
| isfar ċass | *unmellow yellow* |
| isfar mewt, lewn il-qarsa tax-xemgħa | *pale yellow* |
| | **Isfar** *imħallat* |
| isfar fl-aħdar | *green-yellow* |
| isfar ħadrani | *greenish yellow* |
| isfar fl-oranġjo | *orange-yellow* |
| isfar fil-kannella | *almond yellow* |
| isfar ikanġi fl-abjad | *corn silk* |
| isfar dehbi fl-aħdar | *green gold* |
| *honeysuckle* | *honeysuckle* |
| isfar miksur bl-aħdar | *malachite* |
| isfar fil-kannella, okra | *ochre* |
| kakì | *khaki* |
| | **Aħdar** *(green)* |
| aħdar elektrik | *electric green* |
| aħdar ta' l-iżmerald | *emerald green* |
| aħdar tal-felċi | *fern green* |
| aħdar tal-foresti | *forest green* |
| aħdar ġorġjan | *Georgian green* |
| aħdar glaċjali | *glacier green* |
| aħdar imċajpar | *green mist* |
| aħdar ta' l-ilċi, *holly green* | *holly green* |
| aħdar tal-ġada, *jade* | *jade* |
| aħdar tal-kamuflaġ | *camouflage green* |
| aħdar tal-ġungla | *jungle green* |
| aħdar tal-kiwi | *kiwi* |
| aħdar ħaxix | *lawn green* |
| aħdar bużbież | *pale green* |
| aħdar żebbuġi, *olive green* | *olive green* |
| aħdar tal-weraq | *green as a leaf* |
| aħdar piżella | *pea green* |
| aħdar tar-rebbiegħa | *spring green* |

| | |
|---|---|
| aħdar tax-xamrok | *shamrock green* |
| aħdar ta' l-alka | *seaweed* |
| aħdar tas-salvja | *wild sage* |
| aħdar taż-żafżafa | *willow green* |
| aħdar Islamiku | *Islamic green* |
| lewn l-asparagus | *asparagus* |
| lewn l-avokado | *avocado* |
| lewn il-bambù | *bamboo* |
| lewn il-peridotu/l-olivina | *peridot green* |
| lewn l-arżnu, *pine* | *pine green* |
| pistaċċa | *pistachio* |
| lajm | *lime* |
| virdirram | *copper green* |
| verdemar | *sea green* |
| menta | *mint* |
| aħdar malakit | *malachite green* |
| | **Aħdar** imħallat |
| akkwamarin | *aquamarine* |
| aħdar fil-griż | *celadon* |
| aħdar kaħlani | *viridian* |
| aħdar fil-kannella | *military green* |
| | **Ikħal/blu** *(blue)* |
| lewn is-sema | *cerulean, sky blue* |
| blu tal-kobalt | *cobalt blue* |
| blu ħafif | *cornflower blue* |
| iżraq | *azure* |
| denim | *denim* |
| blu elektrik | *electric blue* |
| ikħal tal-laguni | *lagoon* |
| *navy blue* | *navy blue* |
| ikħal ta' l-oċean | *ocean blue* |
| *royal blue* | *royal blue* |
| ċelesti | *powder blue* |
| ikħal żaffir | *sapphire* |
| ċelesti skur | *smalt* |
| ultramarin | *ultramarine* |
| ċelesti qawwi | *wedgewood* |

| | **Ikħal/blu mħallat** |
|---|---|
| blu ħadrani | *cyan* |
| blu jkanġi fil-griż | *bluebell* |
| blu fil-vjola | *blueberry* |
| indigo, ikħal nir | *indigo* |
| blu fl-iswed | *midnight blue* |
| blu fiddien | *moonshine* |
| blu ikanġi fl-abjad | *pearl blue* |
| blu fil-griż | *slate blue* |
| blu metalliku | *steel blue* |
| blu skur jagħti fl-aħdar | *teal* |
| turkważ | *turquois* |

| | Iswed (black) |
|---|---|
| iswed faħma | *coal black, jet black* |
| iswed tuta | *mulberry black* |
| iswed dlam | *nightfall* |
| iswed borma | *black as soot* |
| iswed daqs il-qatran | *pitch-black* |
| iswed Tork | *black as a negro* |
| iswed ebanu | *ebony* |

| | Iswed *imħallat* |
|---|---|
| melanin | melanin |

| | **Vjola** *(purple)* |
|---|---|
| lewn l-ametista | *amethyst* |
| lewn il-brunġiel | *aubergine, eggplant* |
| vjola mdellel | *dusk* |
| vjola elektrik | *electric purple* |
| iris | *iris* |
| lelà | *lilac* |
| *ultraviolet* | *ultraviolet* |
| lewn il-porpra | *cardinal purple* |

| | **Vjola mħallat** |
|---|---|
| vjola kaħlani | *bluish purple, violet* |
| lewn id-damaskina | *damson* |
| lavanda, lavender | *lavender* |
| vjola fil-lelà | *mauve* |
| vjola ħamrani | *plum* |
| lelà fil-griż | *thistle, twilight satin* |
| wisterja | *wisteria* |

| | Aħmar (red) |
|---|---|
| aħmar demmi | *blood red* |
| aħmar ċirasa | *cerise, cherry red* |
| aħmar karg | *crimson* |
| aħmar rikk | *monarch red* |
| aħmar peprina | *poppy red* |
| lewn il-fuħħar | *pottery red* |
| aħmar tar-rubin | *ruby* |
| aħmar dagħmi | *very dark red, cardinal* |
| aħmar qrolli | *coral red* |
| aħmar nar | *red as fire* |
| aħmar skarnat, vermilju | *vermilion red* |
| aħmar skorfna | *red as a scorpion-fish* |
| aħmar żagħfran | *saffron red* |
| aħmar jgħajjat | *scarlet* |
| aħmar tadam | *tomato red* |
| wajn | *wine* |
| rast, lewn is-sadid | *rust* |
| lewn il-paprika | *paprika* |
| lewn ir-ram | *copper* |
| klaret | *claret* |
| aħmar qawwi, skarlatt | *cinnabar* |
| aħmar lewn iz-zalza | *cranberry* |

| | **Aħmar** *imħallat* |
|---|---|
| aħmar fil-vjola | *burgundy, infrared* |
| marun | *maroon* |
| aħmar fl-oranġjo | *orange crimson* |
| aħmar fil-vjola skur | *puce* |
| aħmar dehbi | *golden red* |

**Sinonimija**

Meta nitkellmu fuq sfumaturi ta' l-istess kulur nidħlu fl-għalqa tas-sinonimija. Jiġifieri, 'aħdar', 'pistaċċa', 'lajm', 'virdirram', 'verdemar', 'menta', 'akkwamarin', u l-bqija kollha jistgħu jitqiesu sinonimi għax kollha għandhom l-element semantiku [+aħdar] fihom. Għalkemm f'termini sinonimi jkun hemm element semantiku komuni, spiss insibu każijiet li terminu jkun aktar jixraq minn ieħor f'xi sitwazzjoni partikolari; eż. is-silta 'wiċċha aħmar peprina' tixraq imma 'wiċċha lewn ir-ram' taf toffendi lil dak li jkun.

Imma minbarra dawn il-listi li jittrattaw il-kuluri direttament, insibu għadd ta' nomi sinonimi oħra li għalkemm ma jurux kulur għandhom element semantiku ta' kulur fihom. Nieħdu b'eżempju dan li ġej:

| **Termini li jfissru BJUDA** (nom) | | |
|---|---|---|
| **Malti** | **Ingliż** | **Tagħrif fuq it-terminu Malti** |
| Bjuda | *Whiteness* | Sens ġenerali ta' stat ta' abjad |
| Bjudija | *Whitishness* | Sens ġenerali ta' stat ta' abjad |
| Xjubija | *Whiteness* | Riservat għal xagħar il-bniedem; terminu arkajku |
| Albexxenza | *Albescence* | = żvilupp fl-abjad; mil-Latin *albescere* 'isir abjad'; terminu li joqrob ħafna lejn 'xjubija' |
| Albiniżmu | *Albinism* | = kondizzjoni ta' bjuda; mil-Latin *albus* 'abjad' |
| Lewkoderma | *Leucoderma* | = kondizzjoni li biha l-ġilda ssir bajda; mill-Grieg *leukus* 'abjad'; terminu tal-mediċina li jfisser l-istess bħal 'vitiligo' |
| Vitiligo | *Vitiligo* | Ifisser l-istess bħal 'lewkoderma'; terminu tal-mediċina |
| Lattexxenza | *Lactescence* | = xebh tal-ħalib; mil-Latin *lac, lact-*'ħalib' |
| Kanexxenza | *Canescence* | = proċess li bih oġġett isir abjad; mil-Latin *canus* 'abjad' |
| Ċarezza | *Clarity* | Assoċjat ma' bjuda |
| Safa | *Purity* | Assoċjat ma' bjuda |
| Purezza | *Pureness* | Assoċjat ma' bjuda |

Jekk imbagħad inħarsu lejn l-aġġettivi nsibu dawn is-sinonimi (hawnhekk se nieħu biss is-singular maskil):

abjad (*white*), albexxenti (*albescent*), albinistiku (*albinistic*), bajdani (*whitish*), brillanti (*brilliant*), ċar (*clear*), eburnean (*eburnean*), effulġenti (*effulgent*), fiddi (*silvery*), fiddien (*argent*), fluworexxenti (*fluorescent*), fosforexxenti (*phosphorescent*), ġilji (*chaste, lily-white*), għammiexi (*dazzling*), ħalbi (*milky*), ibbliċjat (*bleached*), illuminat (*illuminated*), imdawwal (*lit*), inkandexxenti (*incandescent*), ixjeb (*white*), jiddi (*shining*), kanexxenti (*canescent*), lattexxenti (*lactescent*), leqqieni (*shining*), lewkodermatuż (*leucodermatous*), limpidu (*limpid*), luminexxenti (*luminescent*), luminuż (*luminous*), middi (*luminous*), mitfi (*faded*), pallidu (*pale*), pur (*pure*), radjanti (*radiant*), rgħawi (*frothy, soapy, lathery*), risplendenti (*resplendent*), safi (*pure, clear*), semi-trasparenti (*semi-transparent*), silġi (*icy, snowy, frosty*), trasparenti (*transparent*), xejjiebi (*whitening*).

## Konklużjoni

F'dan l-istudju ppruvajt nipproponi sistema għad-deskrizzjoni tal-kuluri bil-Malti. Is-sistema, però, m'hijiex assoluta u hemm lok li wieħed jibni fuqha. Inżommu f'moħħna wkoll li fl-istudju tat-tifsir jeħtieġ nagħrfu r-relazzjonijiet semantiċi bejn is-sentenzi biex nisiltu l-aħjar tifsir u sabiex it-termini tal-kuluri jittieħdu fil-kuntest tagħhom għall-aħjar sens.

## Referenzi

AQUILINA, J., *English-Maltese Dictionary* (Midsea Books Ltd, Malta, 1999–2000), Vol. 1–4.
AQUILINA, J., *Maltese-English Dictionary* (Midsea Books Ltd, Malta, 1987–1990), Vol. 1–2.
BERLIN, B., KAY, P., *Basic Color Terms* (University of California Press, Berkeley, Los Angeles,1969)
ISCC-NBS, *Dictionary of Color Names* (NBS Circular 553, National Bureau of Standards, Washington, 1955).
LEECH, G., *Semantics* (Penguin Books, Harmondsworth, 1974).
SERRACINO INGLOTT, Erin, *Il-Miklem Malti* (Klabb Kotba Maltin, Malta, 1975–2003), Vol. 1– X.
*Webster's Third New International Dictionary of the English Language: Unabridged* (G. & C.Merriam Co., USA, 1966).

**Abstract:** *The field of colour terminology is a complex one and translators may find difficulties in their work since semantic systems of different languages may differ considerably from each other. This paper proposes a system for Maltese colour terminology based on an amalgamation of the theoretical consideration of Berlin and Kay and the three-dimensional method for colour naming designed by the Inter-Society Color Council and the National Bureau of Standards (ISCC-NBS). It also examines some cultural aspects of colours in a Maltese context. The end result is a systematic order that exhibits certain marked differences that can aid translation equivalence.*

**Keywords:** *colour terminology; translation; systematic order; Maltese; semantics; equivalence.*